IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 12.08.2005
KUMM(2005) 371 finali

2005/0151(CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizz ta' l-ajru

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta’ l-ajru

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Ir-relazzjonijiet internazzjonali bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi kienu tradizzjonalment immexxija minn ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, l-Annessi għal ftehimiet bħal dawn u arranġamenti oħra relatati, kemm bilaterali kif ukoll multilaterali.

Wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fil-kawżi C-466/98, C-467/98, C-468/98, C-471/98, C-472/98, C-475/98 u C-476/98 l-Komunità għandha l-kompetenza esklussiva f'dak li għandu x'jaqsam ma' aspetti varji ta' l-avjazzjoni esterna. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat ukoll id-dritt tal-kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità li jgawdu mid-dritt li jistabbilixxu ruħhom fil-Komunità, inkluż id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għas-suq.

Il-klawżoli ta' dežinjazzjoni tradizzjonali fi ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru ta' l-Istati Membri jiksru l-liġi Komunitarja. Jagħtu l-lok lill-pajjiż terz li jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' kumpanija ta' l-ajru li ġiet iddežinjata minn Stat Membru iżda li mhijiex sostanzjalment fil-proprjetà tiegħu jew ikkontrollata effettivament minn dan l-Istat Membru jew miċ-ċittadini tiegħu. Instab li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni fil-konfront tal-kumpaniji ta' l-ajru li, filwaqt li jkunu stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru, ikunu proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru ieħor u jkunu kkontrollati minnhom. Dan imur kontra l-Artikolu 43 tat-Trattat li jiggarantixxi liċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li eżerċitaw id-dritt tagħhom li jistabbilixxu ruħhom b'mod ħieles, l-istess trattament fl-Istat Membru li jilqagħhom bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

Wara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni f'Ġunju ta' l-2003 biex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju[1].

Fi qbil mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju, il-Kummissjoni nnegozjat ftehim mar-Repubblika tal-Moldova li jieħu post ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Moldova. L-Artikolu 2 tal-Ftehim jibdel il-klawżoli ta' dežinjazzjoni tradizzjonali bi klawżola ta' dežinjazzjoni Komunitarja, li tippermetti lill-kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità li jibbenefikaw mid-dritt ta' stabbiliment. L-Artikoli 4 u 5 tal-Ftehim fihom żewġ tipi ta' klawżoli li jikkonċernaw kwistjonijiet tal-kompetenza Komunitarja. L-Artikolu 4 jittratta t-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni, kwistjoni li ġiet armonizzata mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li tirristruttura l-qafas Komunitarju għat-tassazzjoni tal-prodotti ta' l-enerġija u l-elettriku, partikolarment il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 14 tiegħu. L-Artikolu 5 (Tariffi) isolvi kunflitti bejn ftehimiet bilaterali tas-servizzi ta' l-ajru eżistenti u r-Regolament tal-Kunsill Nru2409/92 dwar tariffi u rati għas-servizzi ta' l-ajru li jipprojbixxu kumpaniji ta' l-ajru ta' pajjiżi terzi milli jkollhom pożizzjoni dominanti fil-qasam tal-prezzijiet tas-servizzi ta' l-ajru għall-ġarr magħmula kollha kemm huma fil-Komunità.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 11323/03 tal-5 ta' Ġunju 2003 (dokument ristrett).

Il-Kunsill huwa mitlub japprova d-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja u dwar il-konklużjoni tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru u jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw il-ftehim f'isem il-Komunità.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80 (2), flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim mar-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-Ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat u applikat provviżorjament.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. Suġġett għal konklużjoni tiegħu f'data aktar ’il quddiem, il-President tal-Kunsill b’dan qed jiġi awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li tiffirma/jiffirmaw f'isem il-Komunità l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru.2. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Ftehim għandu jkun applikat b'mod provviżorju mill-ewwel jum ta’ l-ewwel xahar wara d-data li fiha l-partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan. Il-President tal-Kunsill huwa b’dan awtorizzat jagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 8(2) tal-Ftehim.

[2] ĠU C [...], [...], p. [...].

3. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

2005/0151(CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2) flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim mar-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju;

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fi [...] suġġett għal konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard, konformi mad-deċiżjoni .../.../KE tal-Kunsill fi [...][5],

(4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova dwar ċerti aspetti tas-servizz ta' l-ajru huwa approvat f'isem il-Komunità.

---

[3] ĠU C [...], [...], p. [...].
[4] ĠU C [...], [...], p. [...].
[5] ĠU C [...], [...], p. [...].

2. It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni bis-setgħa li tagħmel jew jagħmlu n-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim.

Magħmula fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

ANNESS

FTEHIM

bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Moldova

dwar ċerti aspetti tas-servizzi ta' l-ajru

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA

(minn hawn 'il quddiem il-Moldova)

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem 'il-Partijiet')

INNUTAW li ftehimiet bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru ġew konklużi bejn bosta Stati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Moldova li fihom dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-liġi Komunitarja,

INNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali ta' servizzi ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

INNUTAW li taħt il-liġi Komunitarja Ewropea kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità stabbiliti fi Stat Membru għandhom id-dritt għal aċċess mhux diskriminatorju għal rotot ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi,

WARA LI KKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn il-Komunità Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu sehem f'kumpaniji ta' l-ajru liċenzjati f'konformità mal-liġi tal-Komunità Ewropea,

GĦARFU li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet għal servizzi bilaterali ta' l-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Moldova, li jmorru kontra l-liġi Komunitarja Ewropea, iridu jinġiebu f'konformità sħiħa ma' dawn sabiex tiġi stabbilita bażi legali tajba għas-servizzi ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Moldova u biex tiġi ppreservata l-kontinwità ta' dawn is-servizzi ta' l-ajru,

INNUTAW li mhuwiex għan tal-Komunità Ewropea, bħala parti minn dawn in-negozjati, li jiżdied il-volum totali tat-traffiku ta' l-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Moldova, li jiġi affettwat il-bilanċ bejn kumpaniji ta' l-ajru tal-Komunità u kumpaniji ta' l-ajru tal-Moldova, jew li jiġu nnegozjati emendi għad-dispożizzjonijiet li diġà jeżistu ta' ftehimiet bilaterali għal servizzi ta' l-ajru dwar drittijiet tat-traffiku.

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1
Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Għall-għanjiet ta' dan il-Ftehim, id-definizzjonijiet huma elenkati fl-Anness 4. "Stati Membri" tfisser Stati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 liċ-ċittadini ta' l-Istat Membru li huwa parti tal-ftehim jinftiehmu bħala li qed jirreferu għaċ-ċittadini ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

3. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness 1 lill-kumpaniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ta' l-Istat Membru li huwa parti tal-ftehim ser jinftiehmu bħala li qed jirreferu għall-kumpaniji ta' l-ajru jew linji ta' l-ajru ddeżinjati minn dak l-Istat Membru.

Artikolu 2
Deżinjazzjoni minn Stat Membru

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jissostitwixxu d-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2, punti (a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-deżinjazzjoni ta' kumpanija ta' l-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija lilu mill-Moldova, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi tal-kumpanija ta' l-ajru, rispettivament.

2. Malli tirċievi deżinjazzjoni mingħand Stat Membru, il-Moldova tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-anqas dewmien proċedurali, ipprovdut li:

   i. il-kumpanija ta' l-ajru tkun stabbilita fit-territorju ta' l-Istat Membru li ddeżinjaha taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u li għandu Liċenzja Operattiva valida fi qbil mal-liġi Komunitarja Ewropea;

   ii. ikun eżerċitat u miżmum kontroll regolatorju effettiv tal-kumpanija ta' l-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ tal-Ċertifikat Operattiv ta' l-Ajru tagħha u l-awtorità aeronawtika rilevanti tkun identifikata biċ-ċar fid-deżinjazzjoni; kif ukoll li

   iii. il-kumpanija ta' l-ajru tkun proprjetà, u ser tkompli tkun proprjetà, diretta jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, ta' l-Istati Membri u/jew taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, jew ta' stati oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew taċ-ċittadini ta' tali stati oħra, u tkun il-ħin kollu effettivament ikkontrollata minn dawn l-istati u/jew ċittadini.

3. Il-Moldova tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi ta' kumpanija ta' l-ajru ddeżinjata minn Stat Membru jekk:

   i. il-kumpanija ta' l-ajru ma tkunx stabbilita fit-territorju ta' l-Istat Membru li ddeżinjaha taħt it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea jew ma jkollhiex Liċenzja Operattiva valida fi qbil mal-liġi Komunitarja Ewropea; jew

   ii. ma jkunx eżerċitat jew miżmum kontroll regolatorju effettiv tal-kumpanija ta' l-ajru mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat Operattiv ta' l-

Ajru tagħha, jew l-awtorità aeronawtika relevanti ma tkunx identifikata biċ-ċar fid-deżinjazzjoni; jew

iii. il-kumpanija ta' l-ajru ma tkunx proprjetà u kkontrollata effettivament, direttament jew permezz ta' l-akbar sehem azzjonarju, mill-Istati Membri u/jew miċ-ċittadini ta' l-Istati Membri, jew minn stati oħra elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' tali stati oħra.

Fit-tħaddim tad-dritt tagħha taħt dan il-paragrafu, il-Moldova m'għandhiex tiddiskrimina bejn il-kumpaniji ta' l-ajru Komunitarji abbażi tan-nazzjonalità.

Artikolu 3
Sikurezza

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw l-artikoli elenkati fl-Anness 2(c).

2. Meta Stat Membru ddeżinja kumpanija ta' l-ajru li l-kontroll regolatorju tagħha hu eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor, id-drittijiet tal-Moldova taħt id-dispożizzjonijiet ta' sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru li ddeżinja l-kumpanija ta' l-ajru u l-Moldova għandhom japplikaw bl-istess mod fir-rigward ta' l-i*standards* ta' l-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma ta' l-i*standards* ta' sikurezza minn dak l-Istat Membru l-ieħor u fir-rigward ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-operat ta' dik il-kumpanija ta' l-ajru.

Artikolu 4
It-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness 2(d).

2. Minkejja kull dispożizzjoni oħra kontra dan, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness 2(d) ma għandu jżomm Stat Membru milli jimponi, fuq bażi mhux diskriminatorja, taxxi, imposti, dazji, drittijiet jew ħlasijiet fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'vettura ta' l-ajru ta' kumpanija ta' l-ajru ddeżinjata tal-Moldova li topera bejn punt fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-Istat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

Artikolu 5
Tariffi għal ġarr kollu kemm hu fil-Komunità Ewropea

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw l-artikoli elenkati fl-Anness 2(e).

2. It-tariffi li għandhom jintalbu lill-kumpanija/i ta' l-ajru ddeżinjata/i mill-Moldova taħt xi wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness1, li fih dispożizzjoni elenkata fl-Anness 2(e) għal trasportazzjoni kollha kemm hi fi ħdan il-Komunità Ewropea, għandhom ikunu suġġetti għal-liġi tal-Komunità Ewropea.

Artikolu 6
Annessi għal dan il-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim jifformaw parti integrali minnu.

Artikolu 7
Reviżjoni jew emenda

Il-Partijiet jistgħu, f'kull ħin, jirrivedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'kunsens reċiproku.

Artikolu 8
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni provviżorja

1. Il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-wasla ta' l-aħħar notifika bil-miktub tal-Partijiet dwar it-tlestija tal-proċeduri rispettivi interni tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. Sakemm jidħol fis-seħħ, il-Partijiet qablu biex japplikaw b'mod provviżorju dan il-Ftehim mill-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bit-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan il-għan.

3. Il-ftehimiet u l-arranġamenti l-oħrajn bejn l-Istati Membri u l-Moldova li, dakinhar ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ikunu għadhom ma daħlux fis-seħħ u ma jkunux se jiġu applikati provviżorjament huma elenkati fl-Anness1(b). Dan il-Ftehim japplika għal dawn il-ftehimiet u arranġamenti kollha mad-dħul fis-seħħ jew applikazzjoni provviżorja tagħhom.

Artikolu 9
Tmiem

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness1 jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim ikkonċernat jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. Fil-każ li l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness1 jiġu tterminati, dan il-Ftehim jiġi tterminat fl-istess ħin.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji hawn taħt, bl-awtorizzazzjoni meħtieġa, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul b'żewġ kopji fi [....], fi [...] fil-lingwa Ċeka, Daniża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ingliża, Latvjana, Litwana, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Slovakka, Slovena, Spanjola, Ungeriża, Taljana, Żvediża u [*Moldova*].

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA, GĦALL-MOLDOVA

ANNESS 1

Lista tal-ftehimiet imsemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehim tas-servizzi ta' l-ajru bejn ir-Repubblika tal-Moldova u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi, iffirmati u/jew qed jiġu applikati provviżorjament

– Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern Federal Awstrijakk u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** ffirmat fi Vjenna fl-20 ta' Lulju 1993, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Awstrija" fl-Anness 2;

– Immodifikat l-aħħar bil-Memorandum ta' Ftehim magħmul fi Vjenna fl-10 ta' Ottubru 2002;

– Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** dwar servizzi ta' l-ajru ffirmat f'Chisinau fil-15 ta' Lulju 2002 minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Ċipru" fl-Anness 2;

– Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** ffirmat f'Chisinau fl-24 ta' Frar 2004, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Repubblika Ċeka" fl-Anness 2;

– Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** ffirmat f'Chisinau fil-21 ta' Mejju 1999, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Ġermanja" fl-Anness 2;

– Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** magħmul f'Ateni fid-29 ta' Marzu 2004, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Greċja" fl-Anness 2;

– Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Ungerija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** ffirmat f'Budapest fid-19 ta' April 1995, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Ungerija" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika Taljana u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** dwar servizzi ta' l-ajru ffirmat f'Ruma fid-19 ta' Settembru 1997 minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Italja" fl-Anness 2;

Immodifikat l-aħħar bil-Memorandum ta' Ftehim iffirmat f'Ruma fis-26 ta' Ruma 2005;

– Ftehim ta' Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** ffirmat f'Vilnius fil-5 ta' April 1996, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Litwanja" fl-Anness 2;

Emendat l-aħħar bl-Iskambju ta' Noti ffirmat f'Chisinau fit-8 ta' Novembru 2004;

– Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju ta' l-Olanda u l-Gvern ta' l-Unjoni tar-Repubbliki Soċjalisti Sovjetiċi dwar servizzi ta' l-ajru, iffirmat fis-17 ta' Ġunju 1958 permezz tad-dikjarazzjoni komuni dwar trattati bilaterali bejn **ir-Renju ta' l-Olanda u r-Repubblika**

tal-Moldova ffirmata f'Chisinau fid-29 ta' Ottubru 1996, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova - Olanda" fl-Annes 2;

– Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** dwar trasport ċivili bl-ajru ffirmat f'Varsavja fis-27 ta' Lulju 1995 minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Polonja" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika tal-Moldova** dwar servizz ta' l-ajru inizjalat f'Chisinau fit-18 ta' Novembru 1994, minn hawn 'il quddiem "Moldova – Renju Unit" fl-Anness 2;

(b) Ftehimiet u arranġamenti oħra dwar is-servizzi ta' l-ajru inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tal-Moldova u Stati Membri tal-Komunità Ewropea li, fid-data ta' l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu għadhom ma daħlux fis-seħħ u mhux qed jiġu applikati provviżorjament

– - Ftehim ta' Trasport bl-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika ta' l-Estonja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** inizjalat f'Tallinn fit-23 ta' Settembru 1999, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Estonja" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **il-Gvern tar-Repubblika Franċiża u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** dwar trasport bl-ajru ffirmat f'Chisinau fid-29 ta' Lulju 1999 minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Franza" fl-Anness 2;

– Ftehim ta' Servizzi ta' l-Ajru bejn **il-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Moldova** inizjalat f'Riga fit-28 ta' April 2004, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova – Latvja" fl-Anness 2;

– Ftehim bejn **ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika tal-Moldova** dwar Servizzi ta' l-Ajru inizjalat f'Liżbona fis-17 ta' Frar 2005, minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim Moldova - Portugall" fl-Anness 2;

ANNESS 2

Lista ta' artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 5 ta' dan il-Ftehim

(a) Dežinjazzjoni minn Stat Membru:

– L-Artikolu 3, Paragrafu 5, tal-Ftehim Moldova – Awstrija;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 3, tal-Ftehim Moldova – Ċipru;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Moldova – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Moldova – Estonja;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 2, tal-Ftehim Moldova – Franza;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 2(b), tal-Ftehim Moldova – Greċja;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Moldova – Ungerija;

– L-Artikolu 1, Paragrafu 2, tal-Ftehim Moldova – Olanda;

– L-Artikolu 3, Paragrafu 4, tal-Ftehim Moldova – Polonja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 4, tal-Ftehim Moldova – Renju Unit;

(b) Rifjut, Revoka, Sospensjoni jew Limitazzjoni ta' l-Awtorizzazzjonijiet jew il-Permessi:

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Moldova – Awstrija;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Moldova – Ċipru;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (b), tal-Ftehim Moldova – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 4 tal-Ftehim Moldova – Estonja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1, tal-Ftehim Moldova – Franza;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (b), tal-Ftehim Moldova – Greċja;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Moldova – Ungerija;

– L-Artikolu 4, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Moldova – Polonja;

– L-Artikolu 5, Paragrafu 1 (a), tal-Ftehim Moldova – Renju Unit;

(c) Sikurezza:

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Moldova – Ċipru;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Moldova – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Moldova – Estonja;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Moldova – Franza;

– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Moldova – Ġermanja;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Moldova – Greċja;

– L-Artikolu 16 tal-Ftehim Moldova – Latvja;

(d) It-tassazzjoni tal-fjuwil għall-avjazzjoni

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Moldova – Awstrija;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Moldova – Ċipru;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Moldova – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Moldova – Estonja;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Moldova – Franza;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Moldova – Ġermanja;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Moldova – Greċja;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Moldova – Ungerija;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Moldova – Latvja;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Moldova – Litwanja;

– L-Artikolu 9 tal-Ftehim Moldova – Polonja;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Moldova – Renju Unit;

(e) Tariffi għall-ġarr fi ħdan il-Komunità Ewropea:

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Moldova – Awstrija;

– L-Artikolu 16 tal-Ftehim Moldova – Ċipru;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Moldova – Repubblika Ċeka;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Moldova – Estonja;

– L-Artikolu 14 tal-Ftehim Moldova – Franza;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Moldova – Ġermanja;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Moldova – Greċja;

– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Moldova – Ungerija;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Moldova – Italja;

– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Moldova – Latvja;

– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Moldova – Litwanja;

– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Moldova – Polonja;

– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Moldova – Renju Unit;

ANNESS 3

Lista ta' stati oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

(a) **Ir-Repubblika ta' l-Iżlanda** (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(b) **Il-Prinċipat tal-Liechtenstein** (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(c) **Ir-Renju tan-Norveġja** (taħt il-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea);

(d) **Il-Konfederazzjoni** Żvizzera (taħt il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).

ANNESS 4

Definizzjonijiet

L-espressjoni "Stat Membru" tfisser kull Stat Membru tal-Komunità Ewropea.

L-espressjoni "Stabbiliment ta' kumpanija ta' l-ajru (linja ta' l-ajru) Komunitarja fuq it-territorju ta' Stat Membru" timplika l-eżerċizzju effettiv u reali ta' l-attività tat-trasport bl-ajru permezz ta' arranġamenti stabbli. Il-forma legali ta' stabbiliment bħal dan, jekk ikunx fergħa jew sussidjarju b'personalità ġuridika, m'għandhiex tkun il-fattur determinanti f'dan ir-rigward, . Meta tkun stabbilita impriża fuq it-territorju ta' bosta Stati Membri, kif definit mit-Trattat, għandha tassigura, sabiex ikun evitat kwalunkwe ksur tal-liġi nazzjonali, li kull stabbiliment jissodisfa l-obbligi li jistgħu, skond il-liġi Komunitarja, ikunu imposti mil-liġi nazzjonali applikabbli għall-attivitajiet tagħha[6].

L-espressjoni "Liċenzja Operattiva" tfisser awtorizzazzjoni mogħtija mill-Istat Membru responsabbli għal impriża u li jippermettiha iġġorr bl-ajru passiġġieri, posta u/jew tagħbija, kif stipulat fil-liċenza operattiva, bil-ħlas u/jew għall-kiri.

L-espressjoni "Ċertifikat ta' l-operatur ta' l-ajru" tfisser dokument maħruġ lill-impriża jew grupp ta' impriżi mill-awtoritajiet kompetenti li jafferma li l-operatur ikkonċernat għandu l-kapaċità u l-organizzazzjoni professjonali sabiex jiggarantixxi l-operat sikur ta' inġenju ta' l-ajru għall-attivitajiet ta' avjazzjoni speċifikati fiċ-ċertifikat.

Evidenza ta' "**kontroll regolatorju effettiv"** timplika iżda mhijiex limitata għal: il-kumpanija ta' l-ajru għandha Liċenzja Operattiva valida maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti, u tilħaq il-kriterji għall-operat ta' servizzi ta' l-ajru internazzjonali stabbiliti mill-awtoritajiet kompetenti, bħalma huma xhieda ta' sitwazzjoni finanzjarja tajba, il-kapaċità li jintlaħqu, fejn rilevanti, il-ħtiġijiet ta' l-interessi pubbliċi, l-obbligi tal-garanzija ta' servizz, eċċ., u l-Istat Membru li jagħti l-liċenzja għandu, u jkompli jżomm, programmi ta' kontroll tas-sikurezza u s-sigurtà fl-avjazzjoni, talanqas f'konformità ma' l-istandards ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali ta' l-Avjazzjoni Ċivili.

---

[6] Corrigendum għar-Regolament (KE) Nru 847/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar in-negozjati u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet tas-servizzi ta' l-ajru bejn Stati Membri u pajjiżi terzi (ĠU L 157, tat-30.4.2004)